

4) Ir-risposta għal dawn id-domandi hija effettwata mill-prinċipji tad-dritt Komunitarju ta' trattament ugwali u neutralità fiskali, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-eżistenza, fir-Renju Unit, ta' konċessjoni min-naħa ta' l-awtoritajiet fiskali rilevanti li tippermetti lil ċerti negozjanti biss li jittundjaw l-ammonti tal-VAT li għandhom jiġu ddikjarati?

(¹) L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 67/227/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-bejgħ (ĠU L 71, p.1301)

(²) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uni-formi ta' stima (ĠU L 145, p.1)

Talba għad-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (Il-Finlandja) fid-29 ta' Ġunju 2007 — Aberdeen Property Fininvest Alpha Oy vs Uudenmaan verovirasto u Helsingin kaupunki

(Kawża C-303/07)

(2007/C 211/39)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus (Finlandja).

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Aberdeen Property Fininvest Alpha Oy.

Partijiet oħra interessati: Uudenmaan verovirasto u Helsingin kaupunki.

Domanda preliminari

Għandhom l-Artikoli 43 KE u 48 KE, kif ukoll l-Artikoli 56 KE u 58 KE, jiġu interpretati fis-sens li, għall-finijiet ta' l-implementazzjoni tal-libertajiet fundamentali ggarantiti minnhom, kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata jew fondi ta' investiment stabbiliti skond id-dritt Finlandiż u kumpannija SICAV stabbilita skond id-dritt tal-Lussemburgu għandhom jiġi kkunsidrati bħala komparabbli minkejja li d-dritt Finlandiż ma jirrikonnoxxix il-forma ta' kumpannija li taqbel preċiżament ma' kumpannija SICAV u fid-dawl tal-fatt li l-kumpannija SICAV, kumpannija stabbilita skond id-dritt tal-Lussemburgu, mhijiex imniżżla fil-lista ta' kumpanniji msemmija fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 90/435/KEE (¹), li magħha hija konformi l-leġislazzjoni Finlandiża dwar it-taxxa miżmuma frasi il-għajn applikabbli f'din

il-kawża, u fid-dawl tal-fatt li l-kumpannija SICAV hija eżenti mit-taxxa fuq id-dħul b'applikazzjoni tal-leġislazzjoni fiskali interna tal-Lussemburgu? F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa kuntrarju għall-artikoli ċċitati aktar 'il fuq tat-Trattat KE li kumpannija tat-tip SICAV residenti fil-Lussemburgu, beneficijarja ta' dividend, ma tkunx eżenti mit-taxxa miżmuma frasi il-għajn fil-Finlandja fuq id-dividend riċevut?

(¹) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, ĠU L 225 1990, p.6.

Talba għad-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (Il-Ġermanja) fit-2 ta' Lulju 2007 — Directmedia Publishing GmbH vs 1. Albert-Ludwigs-Universität Freiburg, 2. Ulrich Knoop

(Kawża C-304/07)

(2007/C 211/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof (Il-Ġermanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Directmedia Publishing GmbH.

Konvenuti: 1- Albert-Ludwigs-Universität Freiburg, 2- Ulrich Knoop

Domanda preliminari

Il-fatt li tiegħu data minn *database* protetta (skond l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/9/KE, tal-11 ta' Marzu 1996, dwar il-protezzjoni legali ta' *databases* (¹)) f'*database* oħra jista' jikkostitwixxi estrazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 7(2)(a) ta' l-imsemmija direttiva meta dan it-teħid isir abbażi ta' konsultazzjonijiet tad-*database* u wara evalwazzjoni individwali, jew estrazzjoni fis-sens ta' l-imsemmija dispożizzjoni teħtieġ proċess ta' kkopjar (fiziċu) ta' ġabra ta' data?

(¹) ĠU L 77, p.20.